MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 30/2011

**Mario Muscat (105572M)**

**vs**

**Mario Debono, Emmvin Cassar, Rudolph Cassar, ilkoll bhala Diretturi tal-kumpanija Windmill Ltd u b'digriet tal-ghaxra (10) ta' Gunju 2011, giet ordnata korrezzjoni fis-sens li tlett Diretturi qed jigu mharrka f'isimhom proprio u bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Windmill Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fid-29 ta' Lulju 2011 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

" *Introduzzjoni*

*Illi l-appellant talab lil dan it-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-socjeta' ntimata ma saritx ghal raguni gusta. Illi l-intimati ghalkemm debitament notifikati, naqsu sia li jipprezentaw risposta u sia li jkunu prezenti fil-proceduri quddiem it-Tribunal.*

*<u>Provi</u>*

*Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit tieghu fil-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011). Esebixxa wkoll diversi dokumenti relatati mal-impjieg tieghu. Ikkonferma bil-gurament tieghu l-introjtu tieghu fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju 2011.*

*Illi kif gia gie rilevat d-diretturi kif imharrka u in rapprezentanza tas-socjeta' ntimata ma pprezentawx ruhhom biex issir xi ghamla ta' difiza kontra l-pretensjonijiet tar-rikorrent.*

*Illi l-incident li wassal ghal terminazzjonital-impjieg jirrivolvi ruhu fuq it-talba tal-istess rikorrent biex jinghata apparat specifiku, semplici maskla bhala kopertura ghan-nifs. Stante li kien jinvolvi rock-wool li hu tip ta' fibra kancerogena meta tigi assorbita mill-bniedem man-nifs. Fuq talba daqshekk elementari ghas-sigurta' ta' sahhet il-bniedem fuq il-lant tax-xoghol, il-principal irritalja u keccieh mix-xoghol, sic et simpliciter. Dana l-attegjament ma hux accettabbli fuq il-post tax-xoghol meta jikkoncerna s-sahha u s-sigurta' tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol. Kif gja gie ritenut minn dan it-Tribunal, din il-kondotta ghandha tigi stronkata. Veru li l-kontumacja giet interpretata bhala kontestazzjoni. Pero' fil-kaz prezenti in dizamina t-Tribunal ma jarax ghalfejn ma ghandux joqghod fuq il-versjoni rikorrenti.*

*Relattivament ghat-talba tar-rikorrenti, t-Tribunal huwa cirkoskritt bl-Art 81 (2a) meta jigi biex jaghti kumpens in segwitu ghal tkeccija ngusta. Dana johrog mill-proviso tal-istess subinciz. It-Tribunal ma jistax jordna hlas ta' flus dovuti ghal avviz ta' terminazzjoni u/jew beneficcju u/jew assistenza ghal qghad.*

*Dana ghandhu jintalab f'forum differenti. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wara li ra l-art. 81 u 82 tal-Kap 452, it-Tribunal qed jiffissa l-kumpens fis-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000).*

*Konkluzjoni*

*Illi t-Tribunal jiddeciedi illi t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent minn mas-socjeta' ntimata ma saritx ghal raguni gusta, tikkundanna lill-intimati biex ihallsu s-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) bhala kumpens.*

*Id-drittijiet dovuti qed jigu ntaxxati fis-somma ta' hamsin Euro (€50)".*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Emmvin Cassar (ID Nru. 404268M), Rudolph Cassar (ID Nru. 16673M) u Grazio Debono (ID Nru. 0430762M) f'isimhom proprju u ghan-nom ta' Windmill Aluminium Company Limited (C-15816), fil-kaz ta' Windmill Aluminium Company Limited u Grazio Debono, ghal kull interess li jista' jkollhom, datat 10 ta' Awwissu 2011 a fol 1 tal-process fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnhom imressqa tilqa' l-appell taghhom u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez tal-istanzi kollha kontra l-appellat Mario Muscat.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Frar 2012.

Rat ir-risposta ta' Mario Muscat (105572M) datata 13 ta' Marzu 2012 a fol 30 tal-process fejn sostna ghar-ragunijiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra l-istess appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-19 ta' April 2012 fejn meta ssejjah l-appell dehru Dr David Wain ghall-appellanti u Dr Matthew Bondin ghall-appellat prezenti. Dr Wain esebixxa nota b'zewg dokumenti li giet immarkata bhala Dok "DW", b'kopja lid-difensur tal-kontro parti. Id-difensuri

trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett' ostakolo ghat-02 ta' Ottubru 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi datata 29 ta' Lulju 2011.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (a) t-Tribunal Industrijali ma kienx korrett meta ikkundanna lill-appellanti Mario Debono, Emmvin Cassar, u Rudolph Cassar proprju ghaliex ir-relazzjoni tal-appellat kienet biss mas-socjeta' Windmill Aluminium Company Limited u dan kif jirrizulta mix-xhieda tal-istess Mario Muscat u mid-dokumenti ufficjali esebiti quddiem l-istess Tribunal fejn jirrizulta li s-socjeta' li maghha kien impjegat l-appellat kienet proprju Windmill Aluminium Limited, u allura l-istess diretturi ma jistghux jigi kkundannati personalment; (b) li d-decizjoni hija nulla u bla effett u dan peress li d-decizjoni kellha tkun kontra s-socjeta' Windmill Aluminium Limited u mhux kontra s-socjeta' Windmill Limited, u dan ghaliex is-socjeta' ndikata fl-okkju tad-decizjoni hija persuna legali separata u distinta mis-socjeta' Windmill Aluminium Limited li effettivament kienet timpjega lill-appellat, u dan iktar u iktar meta d-diretturi gew indikati bhala diretturi tas-socjeta' Windmill Limited, li mhux il-kaz, tant li tezisti socjeta' fil-fatt jisimha Windmill Limited u li taghha l-appellati proprju ma humiex diretturi; (c) jirrizulta li l-intimati diretturi proprju hawn appellanti ma gew notifikati bil-proceduri quddiem it-Tribunal u dan minkejja li huma pprezentaw rikors datat 29 ta' Lulju 2011 (Dok. "WML – 02"); (d) li l-appellati ma kellhomx u ma inghatawx access ghad-dokumenti kollha li kienu fil-file relattiv quddiem it-Tribunal; (e) li meta gie ffissat il-kumpens it-Tribunal Industrijali ma hax in konsiderazzjoni id-dettami tal-artikolu 81 u 82 tal-Kap. 452 kif indikat allegatament fl-istess tal-appell.

Illi din il-Qorti ser tidhol l-ewwel sabiex tiddeciedi l-aggravju tal-appellanti hawn indikat bl-ittra (b) u dan fis-sens li d-deizjoni hija nulla u bla effett ghaliex qed jigi allegat li l-okkju tad-decizjoni u tal-procedura kif intavolata huwa zbaljat ghaliex l-azzjoni kellha ssir u allura d-decizjoni kellha tinghata kontra s-socjeta' Windmill Aluminium Limited u mhux kontra s-socjeta' Windmill Limited u dan peress li l-appellat kien effittavament jahdem mal-istess socjeta' Windmill Aluminium Limited u mhux mas-socjeta' Windmill Limited.

Illi fil-verita' jirrizulta li mill-atti relattivi quddiem l-istess Tribunal Industrijali nkluz l-affidavit ta' l-istess appellat quddiem it-Tribunal immarkat bhala Dok. "A" u esebit b'nota datata 15 ta' April 2011 jirrizulta li l-appelat stess jindika li huwa kien jahdem mas-socjeta' Windmill Aluminium Limited; l-istess jidher fil-formula tal-Final Settlement Sytem (PSS) – Payees Statement of Earnings datata 31 ta' Dicembru 2007 fejn is-socjeta' Windmill Aluminium Limited giet indikata bhala l-principal tal-istess appellat; u l-istess jista' jinghad fid-dokumenti ufficjali kollha li kopja taghhom giet esebita fl-istess atti tal-kawza quddiem it-Tribunal Industrijali inkluzi Dok. "D", Dok. "E", u Dok. "F" esebiti bl-istess nota tal-15 ta' April 2011 ghan-nom tal-appellat odjern stess dejjem quddiem it-Tribunal Industrijali.

Illi mhux hekk biss izda jirrizulta li fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2011 quddiem l-istess Tribunal jinghad li n-notifika tal-appellanti personalment ghandha "*ssir fl-indirizz Windmill Aluminium Limited", MRA 053, Qormi Industrial Estate, Marsa moghti mir-rikorrenti* (l-appellat odejn).*"* Sabiex jigu informati li huma kellhom seduta ghat-22 ta' Lulju 2011 f'nofs in-nhar hemm indikat li kellhom jigu avzat bl-istess avviz datat 20 ta' Gunju 2011 *"Sinjuri Mario Debono, Emmvin Cassar, u Rudolph Cassar f'isimhom proprju u bhala diretturi u in rappresentanza tas-socjeta' Windmill Aluminium Limited"* u dan l-avviz kien mahrug minn Vincent Micallef, Segretarju tat-Tribunal, u fil-fatt ghall tali seduta saret seduta proprio indirizzata fl-indirizz tal-istess socjeta' Windmill Aluminium Limited (riferta 8 ta'

Gunju 2011). Minkejja dan l-istess Tribunal fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2011 sostna li *"ra n-notifika saret fit-28 ta' Gunju 2011 lis-socjeta' Windmill Ltd u lill istess diretturi f'isimhom proprio….",* meta dan ma kienx korrett u wara nghatat is-sentenza fejn is-socjeta' intimate giet indikata fl-okkju bhala Windmill Limited.

Illi dan kollu jirrizulta mill-atti kollha processwali quddiem it-Tribunal u jidher car ghalhekk li l-okkju tal-kawza u tad-decizjoni huwa zbaljat ghaliex is-socjeta' intimata li kellha relazzjoni mal-appellat kienet is-socjeta' Windmill Aluminium Limited u allura ma hemm l-ebda dubju li d-decizjoni kellha *se mai* tkun kontra l-istess socjeta' Windmill Alumium Limited u mhux kontra s-socjeta' Windmill Limited u ghalhekk mill-atti stess prezentati mill-appellat quddiem it-Tribunal, jirrizulta li d-decizjoni kellha tinghata kontra s-socjeta' Windmill Aluminium Limited u mhux kontra s-socjeta' Windmill Limited li jidher li hija socjeta' wkol differenti kif jirrizulta llum mid-Dok. "WML-05" esebit b'nota tal-appellanti datata 19 ta' April 2012.

**"Elisa *sive* Alice Cachia et vs Avukat Dr. Dunstan G. Bellanti et noe"** (P.A. 26 ta' Gunju 1957) fejn intqal hekk :-

*"Ghalhekk ma hemmx dubju li fl-istess kawza l-isem ta' wahda mill-partijiet kien zbaljat; u s-sentenza li fiha l-indikazzjoni tal-isem ta' wahda mill-partijiet zbaljata fl-identita' ta' dik il-persuna ndikata hazin hi nulla (Vol. XXXVI-I-200)."*

Illi l-istess inghad fis-sentenza **"Alexander Victor Baldacchino vs Henry Albert Pace noe"** (P.A. 10 ta' Dicembru 1963):-

*"…illi gie ripetutament deciz mill-Qorti taghna illi zball fl-isem jew il-kunjom ta' xi hadd mill-partijiet jimporta n-nullita' tal-attijiet u tas-sentenza relattiva, sakemm ma jkunx hemm korrezzjoni mill-istess Qorti li tkun emanat dik is-sentenza."*

Illi mbaghad fis-sentenza **"Joseph Busuttil vs Avukat Dottor John Mamo noe"** (A.C. 28 ta' Frar 1997) fejn l-izball kien jikkonsisti fl-isem tal-attur, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonkludiet :-

*"Dan hu zball ta' sustanza li l-Qorti ta' l-Appell necessarjament trid tissollevah ex officio inkwantu hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta' <u>dawk</u> il-partijiet – persuni kontendenti fil-kawza – li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza taghmel stat u torbot lil dawk il-persuni u huwa car li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma tirrizultax effikaci fil-ligi. L-izball allura jehtieg li jigi rettifikat;*

*Issa gie ritenut minn din il-Qorti, fil-kawza **l-Avukat Dottor Stephen Thake nomine vs Fabian Saliba** deciza fl-4 ta' Mejju, 1994 (Vol. LXXVII, pt.II, p.133) li :*

*'…din il-Qorti fit-termini ta' l-artikolu 175 tal-Kap.12 ghandha l-fakolta' li tikkoregi kull zball li jirrizulta f'kull att li jigi pprezentat <u>wara</u> s-sentenza ta' l-ewwel istanzi imma din il-fakolta' ma testendix sas-sentenza li tkun appellata quddiemha" (Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell deciza fis-7 ta' Dicembru, 1990 fl-ismijiet **Melita Sciberras vs Gordon B. Tolputt** u s-sentenza fl-ismijiet **Anthony Mizzi vs Gertie Bugeja,** ukoll deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Marzu, 1994). Is-sitwazzjoni ma jidhirx li tbiddlet bl-emendi li saru fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV ta' l-1995; is-subinciz 2 ta' l-artikolu 175 infatti ma jirrizultax b'xi mod emendat. Il-Qorti ta' l-Appell allura ma tistax tikkoregi l-ismijiet tal-partijiet li jidhru zbaljatament fl-okkju tas-sentenza appellata ghax ghandha tqis li dik is-sentenza nghatat kontra persuna jew persuni li ma kinux parti fil-kawza bhala attur jew konvenut. Hi biss il-qorti li ppronunzjat is-sentenza li tista' taghmel ir-rettifika opportuna ghaliex is-sentenza appellata taghmel biss stat fil-konfront ta' dawk il-persuni li hi tiddikjara fl-okkju taghha li huma l-partijiet in kawza. U una volta dawk il-partijiet ma kienux ghal dawk li agixxew bhala atturi jew ghal dawk li gew citati biex jiddefenduha*

*bhala konvenuti jew mod iehor, dik is-sentenza hi sostanzjalment difettuza u ghandha tigi annullata.”*

Illi fis-sentenza **“Joseph Sant vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.C. - 23 ta’ April 2001) l-istess Onorabbli Qorti ta’ l-Appell irreferiet ghas-sentenza moghtija fl-14 ta’ April, 1997, fil-kawza **“Louise Ann Sultana vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp u l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** fejn kien gie rrimarkat hekk :-

*“Dan huwa zball ta’ sustanza billi hu bl-okkju tad-decizjoni li l-partijiet jigu effettivament identifikati. Hu proprju fil-konfront ta’ dawk il-partijiet hekk identifikati li d-decizjoni tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi rispettivi ta’ l-istess partijiet fil-kuntest tal-litigazzjoni bejniethom. Id-decizjoni torbot lil dawk il-partijiet kif identifikati fl-okkju u jekk il-partijiet ma jkunux jirrizultaw li gew korrettement identifikati, allura l-awtorita’ tal-gudikat tisfuma fix-xejn. Ma hemmx dubju li dan l-izball sar bi zvista u li huwa possibbli li jigi rettifikat.”*

*“Illi jigi rilevat li fir-rikors mertu tal-vertenza odjerna l-kwistjoni hija li s-sentenza nghatat apparti kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp kontra certu Paul Baldacchino meta dan ma kellu x’jaqsam xejn mal-kwistjoni li kellu quddiemu l-Bord. F’termini legali hemm differenza sostanzjali billi hawn si tratta ta’ individwu kompletament differenti u kwindi l-ommissjoni li saret min-naha tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar mhix sempliciment xi dettal marginali izda huwa partikularita’ ta’ sustanza.*

Illi fil-fatt dan il-punt gie wkoll deciz minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawzi fl-ismijiet **“ David Curmi vs Il-Kontroll ghall-Izvilupp”** (A.I.C. (RCP) – 31 ta’ Ottubru 2007) u **“Catherine Ripard vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u Paul Baldacchino”** (A.I.C. (RCP) – 18 ta’ Novembru 2004) fejn inghad li jekk ikun hemm tali zball dan mhux koreggibbli minn din il-Qorti u wkoll ghad-decizjoni **“Joseph Zammit vs L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** (A.I.C. (RCP) – 26 ta’ Ottubru 2004) fejn appuntu nghad li proprju minhabba dan din il-

Qorti ma ghandhiex is-setgha li tilqa' t-talba ghall-korrezzjoni u dan ghaliex ladarba l-izball ikun sar fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar din b'hekk tbiddel ghal kollox wiehed mill-partijiet li huma soggetti ghall-istess decizjoni, u tali zball jaffettwa s-sustanza tad-decizjoni nnifisha u jista' jigi korrett mill-istess Tribunal jew Qorti li taw id-decizjoni originali.

Illi hawn issir riferenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **"Fortunato Farrugia vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) – 31 ta' Ottubru 2007) fejn inghad li:-

*"din il-Qorti thoss li ghal dak li sostnew l-appellanti skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 175 tal-Kap 12,** hemm diversi decizjonijiet li jsostnu li anke jekk hemm qbil bejn il-kontendenti li hemm zball fl-ismijiet tal-partijiet fl-okkju tad-decizjoni tal-Bord, tali zball ma jistax jigi rrangat minn din il-Qorti, izda d-decizjoni ghandha tigi annullata u l-atti rinvjati lil Bord ta' l-Appell sabiex tinghata decizjoni skond il-ligi. Hawn issir riferenza ghas-sentenzi **"Joseph Zammit vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 26 ta' Ottubru 2004) u **"Louise Anne Sultana vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (Rik. Nru. 277A/96, deciza fl-14 ta' April 1997)".*

Illi hawn issir riferenza ghas-sentenza ricenti "**Anton Camilleri et vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** datata 21 ta' Gunju 2011 fejn tali eccezzjoni nghad li ghandha titqajjem *ex ufficio* mill-Qorti ghaliex hija ta' ordni pubbliku (ara wkoll is-sentenza **"Alex Scicluna vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** datata 12 ta' Mejju 2011 dwar kif certu punti ghandhom jitqajjmu *ex officio* mill-Qorti).

Illi dan l-izball jannulla ghal kollox il-proceduri kollha li saru quddiem l-istess Tribunal, u dan peress li l-izball in kwistjoni jbiddel ghal kollox l-identita' tal-persuna u l-effetti kollha ta' l-ordnijiet moghtija fl-istess decizjoni. L-argument tal-appellat dwar dan il-punt ma jistax jigi accettat, u dan peress li ma jbiddel xejn mill-izball li sar

mit-Tribunal indott wkoll mill-appellat innifsu f'dan il-kaz, u dan huma biss tentattivi sabiex l-appellat jipprova jirranga l-posizzjoni li sfortunatament sab ruhhu fiha minhabba l-mod kif inghatat l-istess decizjoni mit-Tribunal Industrijali, li skond il-ligi u skond il-gurisprudenza konstanti jirrendi tali decizjoni nulla u bla effett. Dan gie wkoll kkonfermat

Illi ma hemmx dubju li l-Qorti ghandha timxi fuq tali insenjament u dan peress li hija gurisprudenza konstanti li zball fl-okkju tas-sentenza huwa zball ta' sustanza li l-Qorti ta' l-Appell necessarjament trid tissoleva *ex ufficio* inkwantu hu fl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta' dawk il-partijiet, kontendenti fil-kawza, li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza appellata taghmel stat u torbot lil dawk il-persuni u huwa car li jekk dawn ma; jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma' tirrizultax effikaci fil-ligi. L-izball allura jehtieg li jigi retifikat u dan jista' jsir biss mill-Qorti, jew f'dan il-kaz mill-Bord li ppronunzja l-istess decizjoni. **("Joseph Busuttil vs Avukat Dottor John Mamo *nomine*"** – A.C. – 28 ta' Frar 1997; **"Gaetano Sammut et vs Pauline Sammut"** – A.I.C. (PS) – 15 ta' Dicembru 2003; **"Joseph Zammit vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) – 26 ta' Ottubru 2004). Ghalhekk fid-dawl ta' dak kollu premess d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tirrizulta li hija sostanzalment difettuza u qed tigi annulata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi *in vista* ta’ dak deciz mhux il-kaz li din il-Qorti tidhol fl-aggravvji l-ohra.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad r-risposta tal-appell tal-appelat datata 13 ta’ Marzu 2012, **tilqa’ l-appell interpost mil-appelanti fir-rikors tal-appell taghhom datat 10 ta’ Awissu 2011 b’dan li tiddikjara li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet “Mario Muscat vs Mario Debono, Emmvin Cassar, Rudolph Cassar, ilkoll bhala Diretturi tal-kumpanija Windmill Ltd, u b’digriet tal-ghaxra ta’ Gunju 2011, giet ordnata korrezzjoni fis-sens li t-tlett diretturi qed jigu mharrka f’isimhom proprio u bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Windmill Limited” (Decizjoni 2097 – Kaz. Numru 2883/JB) datata 29 ta’ Lulju 2011 hija nulla u bla effett ghall finijiet u effetti kollha tal-Ligi u dan minhabba r-ragunijiet hawn indikati, u ghalhekk din il-Qorti qed tirrinvija u tirrimetti l-kaz lura lill-Tribunal Industrijali sabiex l-istess kaz jigi deciz mill-istess Tribunal mill-gdid skond il-ligi fid-dawl ta’ din id-decizjoni.**

Bl-ispejjez *stante* n-natura tal-kaz jibqghu riservati ghad-decizjoni finali.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------